# KUNSILL LOKALI MARSA

*Minuti tat-Tlieta u Erbgħin laqgħa tal-Kunsill tal-Marsa li saret nhar l-Erbgħa 19 ta' Novembru 2014 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, fil-Ħamsa w kwart ta' filgħaxija (5.15pm)*

## Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | Sindku |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sur Anthony Buhagiar | Kunsillier |
| Is-Sur Noel Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Dominic Spencer | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Grima | Kunsillier |

## 1. Talba.

Is-Sindku s-Sur Francis Debono qal it-talba.

## 2. Approvazzjoni tal-Minuti tat-tnejn u erbgħin laqgħa tal-Kunsill li saret nhar l-Erbgħa 22 t'Ottubru 2014

2.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono saqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti kif ippreżentati. Wara li ħadd ma kellhu emendi fuq il-minuti msemmija s-Sur Joseph Grima ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 3. Komunikat mis-Sindku

Is-Sur Noel Scerri daħal fis-sala fil- ħamsa u għoxrin ( 5.20 pm ).

3.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li tinkiteb ittra lir-residenti ta' Triq is-Sajjieda li tkun tgħid hekk: Il-Kunsill Lokali tal-Marsa jilqa' b'sodisfazzjoni li l-Gvern laqa' t-talbiet li l-Kunsill kien għamel sabiex isir investiment kapitali biex dak li ilhom żmien isofru r-residenti tiegħu jiġu aġevolati. Il-Kunsill għaldaqstant jirringrazzja lill-Gvern ta' l-impenn li wera fil-budget li ġie mressaq fil-parlament u approvat fejn speċifikament identifika u laqa' t-talbiet tal-Kunsill u ser joħroġ l-offerta biex issir sistema kontra l-għargħar fi Triq is-Sajjieda. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il- vot kien unanimu.

## 4. *Deċiżjoni u konsiderazzjoni fuq korrispondenza mit-23 ta' Ottubru sad-19 ta' ta' Novembru 2014*

4.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono ppreżenta Memo 17/14 fejn il-Kunsill qed japprova li jitlob lid-Dipartiment rimbors tal-ħlas għal servizz ta' internet għal streaming taħt l-Iskema Finanzjarja li kienet ġiet miftugħha wara li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għamel ftehim mall-Kumpanija Melita. Il-Kunsill kien beda l-istreaming qabel u sar ftehim mall-Kumpanija Go . Id-Diġartiment qed jilqa' t-talba tal-Kunsill u allura qed jgħaddi din il-Mozzjoni għal rimbors ta' sena li jammonta għas-somma ta' sebgħa mija sitta u tmenin ewro u sitta u disgħin ċenteżmu (€ 786.96). Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il- vot kien unanimu.

4.2 Talba mill-Ministeru tal-Ġustizzja li fi Triq Xemxija jsiru linji sofor quddiem il-garaxxijiet minħabba l-ilmenti mir-residenti tal-garaxxijiet li jixtiequ li jkollhom linji sofor quddiem il-garaxxijiet tagħhom. Wara diskussjoni fuq dan is-suġġett fejn fost l-oħrajn ġew osservati xi punti bħal jekk hux permessibbli li jsiru kaxxi sofor quddiem garaxxijiet u li b'dawn il- kaxxi sofor is-sidien ta' dawn il-garaxxijiet mhux ser ikunu qed jutilizzaw quddiem il-garaxx tagħhom iżda jieħdu parkeġġ ieħor u b'dan il-mod inkomplu nnaqqsu l-ispazji tal-parkeġġ għal ħaddieħor. Wara diskusskoni fit-tul mill-membri ppreżenti s-Sur Noel Scerri ssuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel tali talba li Transport Malta u tiddeċi tilqax favorevolment din it – talba u tinforma lil din l- Awtorita li l-Kunsill mhux kontra tali talba iżda jħoss li b'dan il-mod ser ikun qed jitnaqqas il-parkeġġ għal ħaddieħor minħabba li sid il-garaxx ma jipparkjax quddiem il-bieb tal-garaxx tiegħu iżda juża parkeġġ ieħor biex iħalli quddiem il-bieb tal-garage tiegħu mhux ostakolat. Is-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

4.3 Rigward it-talba tas-Sur Raymond Piscopo permezz ta' email datata 11 ta' Novembru 2014 is-Sindku pproponi li l-Kunsill iwaħħal tabella ta' No U-Turns u l-Kunsill jibagħat lit-Transport Malta r-rakkomandazzjoni tal- Kunsill biex jillimita l- inkonvenjent billi jsiru xi sleeping policeman. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi daħal fis-sala fil-ħamsa w nofs u ħamsa ta' filgħaxija (5.35pm)

## 5. *Schedule of Payments 11/14*

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta spjega tal-pagamenti skond l-iskeda annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il- kontijiet, s-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dawn il-ħlasijiet kif ippreżentati. Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi ssekonda. Il-vot kien unanimu.

## 6. *Purchase Order 3915 –3929*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Order minn numru 3915 sa 3929 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq ordnijiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. s-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 7. *Purchase Request 2899 -2913*

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fuq talba tas-Sindku ppreżenta l-Purchase Request minn numru 2899 sa 2913 għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhu xi kummenti jew mistoqsijiet fuq it-talbiet għal xiri, s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona l-approvazzjoni tagħhom. Is-Sur Joseph Cachia ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## 8. *Ftuġħ ta' Fixed Account*

8.1 Is-Sindku talab lill-Kunsill li l-ammont li l-Kunsill kien allokat sabiex il-bini jkun jista' jiġi mħallas perjodikament u jkun sostenibli finanzjarjament li jammonta għa s – somma ta' disgħin ewro (€90,000) jiġi trasferit f' fixed account biex b'hekk l-imgħax wara ħames snin jkun jista' jiġi utilizzat bħala pagament fuq is – self tal- bini. B'dan il-mod il-Kunsill ikun qed jifranka li jutilizza l-fondi tiegħu għal ħlas tas-self fuq il-bini kull ħames snin. Hu ppropona li dan jiġi miftuħ mall-BOV minħabba li l-Kunsill għandu l-accounts kollha miegħu u billi s- self tal- bini sar mall- Bank of Valletta, il- fixed account ghandu jigi miftuħ wkoll maċ l- stess bank sabiex b'hekk ikun jista jintuza bhala facilita finanzjarja jekk kemm il- darba il- Kunsill jkollhu jiddeciedi li jillikwida din is- somma qabel iz- zmien ta' hames snin. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu

## 9. *Financial Commitment Report July – September 2014*

9.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lis-Segretarju Ezekuttiv jagħti spjega ta' dan ir-rapport fejn il-bilanċ tiegħu kien wieħed posittiv. Ġiet diskussa l-possibilta' li l-Kunsill jitlob lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali sabiex jiġi eżentat milli jżomm 10% ta' dħul finanzjarju kif obbligat bil-liġi finanzjarja u dan billi l-Kunsill dejjem kellhu bilanċ favorevoli. Wara diskussjoni li saret fuq dan is-suġġett il-Kunsill iddeċieda li m'għandhux għalfejn jitlob din id-deroga u dan għaliex ser ikun qed iżomm bilanċ favorevoli ta' 20% tad-dħul finanzjarju bil-fixed account li ser jkun qed jiftaħ mall-BOV. Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport kif ippreżentat. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *10. Performance Bonus ta' l-Impjegati*

10.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżenta l-performance appraisal taż-żewġ impjegati tal-Kunsill. Wara diskussjoni li saret bejn il-membri preżenti s-Sindku s-Sur Francis Debono ppropona li l-impjegati jingħataw il-massimu tal-performance bonus li huwa ta' 6%. Is-Sur Noel Scerri ssekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *11. Attivita' tal-Milied*

11.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab lis-Sur Dominic Spencer għal intervent tiegħu fuq dan is-suġġett. Is-Sur Dominic Spencer informa lill-membri preżenti li l-attivita' ser issir fuq il-Pont ta' San Tumas quddiem il-Bini tal-Kunsill nhar il-Erbgħa 17 ta' Diċembru mill-ħamsa w nofs ta' filgħaxija (5.30pm) il'quddiem u ser jkun qed jittella' għal talent lokali bil-mistieden speċjali jkun Joe Demicoli. Wara l-laqgħa tal-Kunsill, kompla jgħid is- Sur Dominic Spencer, ser issir laqgħa għall-għaqdiet kollha u ħeġġeġ lill-membri preżenti biex jattendi. Din il-laqgħa ser tkun biex l-għaqdiet jiġu nfurmati bil-preparamenti u l-organizzazzjoni tagħha. Din l-attivita' kellha tittella' minħabba l-fatt li l-elfejn ewro (€2000) kienu ser jintilfu jekk kemm il-darba l-Kunsill ma jtellax Attivita' Kulturali liema fondi ġew mgħotija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għal dan il-mottiv.

## *12. Laqgħa Pubblika*

12.1 Is-Sindku s-Sur Francis Debono talab li l-Kunsill jorganizza Laqgħa Pubblika f' Jannar u wara jsir riċeviment żgħir. Din il-laqgħa għandha ssir fil-Kunsill Lokali u d-data tiġi kkoordinata aħjar iżda hu previst li ssir fl-ewwel jew it-tieni ġimgħa ta' Jannar, għal ħabta tas-sebgħa ta' filgħaxija. Is-Sur Dominic Spencer issekonda. Il-Vot kien unanimu.

## *13. Tweġibiet għall-mistoqsijiet preżentati mill-Kunsilliera*

13.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi saqsa jekk il-Kunsill irċivhiex xi ittra formali li tavża li ser tinbena skola oħra ta' l-Agostinjani. Is-Sindku wieġeb billi qal li l-Kunsill ma rċieva l'ebda korrispondenza iżda minn informazzjoni li għandu l-iskola eżistenti ser tiġi żviluppata.

13.2 Is-Sur Dominic Spencer qal li ġie avviċinat minn xi membri ta' l-Għaqda ta' l-Armar tal-Festa Trinita' Qaddisa fejn talbu biex minflok jarmaw il-fustun fi Triq il-Marsa, għandhom armar bid-disinji ġodda u jippreferu li jarmawhom quddiem il-Bini tal-Kunsill jiġifieri fuq il-Pont ta' San Tumas għal din is-sena. Wara diskussjoni fit-tul fuq dan is-suġġett ġie maqbul li għal din is-sena jibqa kollox l-isess minħabba n-nuqqas ta' żmien filwaqt li sena oħra l-Kunsill jiddiskuti dan is-suġġett aktar fid-dettall ta' din il-proposta u proposti oħra.

13.3 Is-Sur Noel Scerri talab li ssir laqgħa mall-Kummissarju tal-Pulizija u dan invista li l-Kunsill ħareġ mill-Għassa tal-Pulizija bil-premessa li din l-għassa kellha ssir Distrett. Is-Sindku s-Sur Francis Debono ssekonda. Il-Vot kien unanimu .

13.4 Il-Viċi Sindku s-Sur Josef Azzopardi tkellem dwar ilment li rċieva li tfajla ġiet ittantata fi Ġnien Spencer. Wara diskussjoni fit-tul fuq dan l-ilment ġie deċiż li s – Sur Josef Azzopardi jitlob rapport tal-Pulizija mingħand l-individwu li qed jressaq dan l-ilment sabiex il-Kunsill jipproċedi u jesponi aktar evidenza waqt l-laqgħa mall-Kummissarju tal-Pulizija.

13.5 Is-Sur Joseph Grima talab sabiex isir aktar dawl fi Sqaq l-Ajkla.

## *14. Aġġornament tal-Laqgħa*

14.1 Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 10 ta' Diċembru 2014 fil-ħamsa w kwart ta' filgħaxija (5.15pm)

Il-laqgħa spiċċat fis-sitta w kwart ta' filgħaxija (6.15pm).

Francis Debono
Sindku

Adrian Attard B.Comm.B.A.(Hons) MBA
Segretarju Eżekuttiv